**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**MAGISTRAT DR MARSE-ANN FARRUGIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar l-Erbgha, 8 ta' Mejju 2024**

**Rikors Numru: 213/2022 MLF**

**Fl-atti tal-ittra ufficjali bin-numru 2300/2022 fl-ismijiet:**

**Princess Holding Limited**

**vs**

**Al Ali Abdul Hakim Sami Rikan**

Il-Qorti,

1. Rat ir-rikors ta' Al Ali Abdul Hakim Sami Rikan a tenur tal-Artikolu 253(e) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta fejn espona:

   Illi r-rikorrent gie notifikat bl-ittra ufficjali hawn fuq imsemmija;

   Illi qabel xejn l-ittra ufficjali kellha tigi intavolata quddiem il-Qorti tal-Kummerc u mhux quddiem il-Qorti tal-Magistrati. Ghalhekk l-ittra ufficjali ma tista qatt tilhaq l-iskop tal-Artikoli 253 u 256 tal-Kap.12

Illi bla pregudizzju ghal dan, ir-rikorrent qatt ma ffirma ghal kambjala bl-ammont ta' €9,000 izda huwa ffirma numru ta' kambjali li l-valur taghhom kien ferm inqas mill-kambjala esebita;

Ghalhekk hemm dubju serju fuq kemm il-firma ta' fuq il-kambjala hija tieghu;

Illi bla pregudizzju ukoll, il-kambjala esebita tghajjat lil No Deposit Cars Ltd u mhux lil Princess Holding Limited. Ghalhekk is-socjeta Princess Holding Limited ma tistax titlob l-esegwibilta tal-kambjala esebita;

Illi ukoll hemm ragunijiet ohra gravi u validi biex jigi oppost l-ezekuzzjoni tal-kambjala esebita fosthom:

a) Li l-kambjali li gew iffirmati mir-rikorrenti jirriflettu kuntratt ta' bejgh ta' vettura karpit bi frodi u uzura; u

b) Li l-vettura mertu tal-kuntratt u kambjali lanqas giet ikkonsenjata lill-esponenti;

Ghaldaqstant, minhabba r-ragunijiet fuq premessi ir-rikorrent talab is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni ta' din il-kambjala u dan taht dawk il-kundizzjonijiet kollha li din il-Qorti thoss li huma opportuni.

2. Rat ir-risposta ta' Princess Holdings Limited fejn *inter alia* eccepiet hekk:

1. Illi t-talba qed tigi opposta bhala infondata kemm fil-fatt kif ukoll fid-dritt;

2. Illi fil-prim lok il-gurisprudenza estensiva tal-Qrati taghna kif ukoll Artikolu 47 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, jghidu b'mod car illi hija l-kompetenza tal-Qorti tal-Magistrati ta' Malta li *"tisma u tiddeciedi l-pretensjonijiet kollha sal-ammont ta' hmistax-il elf euro (€15,000), kontra persuni li joqghodu, jew li ghandhom ir-residenza taghhom ordinarja, f'parti tal-Gzira ta' Malta"* u mhux il-Qorti Kummercjali. Fil-fatt l-Att XVI tal-2019 li emenda l-Companies Act u l-Consumer's Affairs Act inter alia jistabilixxu l-kompetenza tal-Qorti Civili (Kompetenza Kummercjali)

3. Rat l-atti kollha tal-kawza.

4. Rat li fis-seduta tat-28 ta' Gunju 2023, din il-Qorti kien tat terminu liz-zewg partijiet sabiex jipprezentaw nota ta' sottomissjonijiet fuq l-ewwel eccezzjoni fir-rikors promotur, pero dan nonostante, iz-zewg partijiet baqghu inadempjenti.

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

5. F'dawn il-proceduri, ir-rikorrent qed jitlob is-sospensjoni tal-ezekuzzjoni tal-kambjala li giet notifikata lilu permezz tal-ittra ufficjali numru 2300/2022 fl-ismijiet premessi ipprezentata quddiem din il-Qorti.

6. Din is-sentenza parzjali hija limitata ghall-ewwel eccezzjoni tar-rikorrent li l-ittra ufficjali in kwistjoni kellha tigi ipprezenta fil-Qorti tal-Kummerc, u mhux fil-Qorti tal-Magistrati. Huwa jissottometti li in vista ta' dan in-nuqqas, l-ittra ufficjali qatt ma tista' tilhaq l-iskop tal-Artikolu 253 u 256 tal-Kapitolu 12.

7. Ai termini tal-Artikolu 5(c) tal-Kodici tal-Kummerc *"kull operazzjoni dwar kambjali"* hija att tal-kummerc.

8. Qabel l-emendi li saru bl-Att XXIV tal-1995, id-disposizzjonijiet dwar il-gurisdizzjoni kummercjali relevanti ghal kaz odjern fil-Kodici tal-Kummerc kienu jaqraw hekk:

> *"5. Huma atti tal-kummerc:*
> *(ċ) kull operazzjoni dwar kambjali;*
>
> *547. Il-gurisdizzjoni kummercjali hija ezercitata mill-Qorti tal-Kummerc skond id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*
>
> *548. Huma ta' natura kummercjali –*
> *(b) il-kwistjonijiet kollha dwar atti ta' kummerc bejn kull xorta ta' persuni."*

9. L-Artikolu 36 tal-Kodici tal-Procedura Civili kien jippreskrivi hekk:

*"… (2) Il-Qorti tal-Kummerc tiehu konjizzjoni tal-kawzi kollha ta' natura kummercjali jew li ghandhom x'jaqsmu mal-kummerc, komprizi dawk dwar kambjaliijiet, promissory notes, jew titolu iehor ta' kreditu trasferibbli b'gira jew li jithallas lill-portatur, meta dawn il-kawzi ma jkunux ta' kompetenza tal-qrati inferjuri.*

*Izda, meta dawn il-kawzi jsiru kontra l-Gvern ta' Malta jew mill-Gvern ta' Malta, il-Qorti tal-Kummerc, fil-limiti tal-gurisdizzjoni ta' dawn il-qrati inferjuri, ghandha gurisdizzjoni konkorrenti maghhom, bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi."* (sottolinear ta' din il-Qorti).

10. L-Artikoli 37 u 38 kienu jaghtu ukoll lill-Qorti tal-Kummerc kompetenza esklussiva fuq certi materji, li huma irrelevanti ghal fini tal-proceduri odjerni.

11. Mis-suespost huwa car, li kien hemm disposizzjoni espressa tal-ligi tal-procedura li taghti lill-qrati inferjuri kompetenza li jiddeciedu kawzi ta' natura kummercjali. Dan minkejja l-fatt li anke dak iz-zmien l-Artikolu 47(1) tal-Kodici ta' Procedura Civili kien jippreskrivi illi *"Fil-Qorti tal-Magistrati tal-Pulizija Gudizzjarja ghall-Gzira ta' Malta joqghod magistrat wiehed, u dik il-qorti, bhala qorti ta' l-ewwel grad tisma' u tiddeciedi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' hamsin lira … …"* (sottolinear ta' din il-Qorti).

12. Kif inhuwa risaput, bl-emendi li saru bl-Att XXIV ta' l-1995, il-Qorti tal-Kummerc giet abrogata. Konsegwenza ta' dawn l-emendi, l-Artikolu 547 tal-Kodici tal-Kummerc gie jaqra hekk: *"Il-gurisdizzjoni kummercjali hija ezercitata mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili, skont id-disposizzjonijiet tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili."* L-Artikolu 548, li jiddefinixxi x'inhuma kwistjonijiet ta' natura kummercjali, ma giex emendat.

13. Min-naha l-ohra b'dawn l-emendi gew abrogati wkoll l-Artikoli 36, 37 u 38 tal-Kodici tal-Procedura Civili, u kif rajna l-Artikolu 36(2) kien jaghti kompetenza lill-qrati inferjuri fuq certi kwistjonijiet kummercjali.

14. Pero, bl-emendi tal-1995, gie sostitwit l-Artikolu 32 tal-Kodici tal-Procedura Civili li jittratta l-gurisdizzjoni tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, u dan gie jaqra hekk:

*"(2) Il-Prim'Awla tal-Qorti Civili taqta' l-kawzi kollha ta' natura civili u kummercjali, u dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni*

*taghhom jew li s'issa dik il-Qorti, jew il-Qorti tal-Kummerc, hadet konjizzjoni taghhom, sakemm dan il-Kodici jew xi ligi ohra ma jkunux ipprovdew mod iehor.*

*(3) Izda din il-Qorti ma tiehux konjizzjoni ta' kawzi ta' kompetenza tal-qrati inferjuri tal-Gzira ta' Malta hlief meta dawn il-kawzi ma jkunux saru minn jew kontra l-Gvern ta' Malta, f'liema kaz, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili, fil-limiti tal-gurisdizzjoni ta' dawn il-qrati inferjuri, ghandhom maghhom gurisdizzjoni konkorrenti, bla hsara ta' kull disposizzjoni ohra tal-ligi."* (sottolinear ta' din il-Qorti)

15. Konsegwentement, bl-emendi tal-1995, il-gurisdizzjoni kummercjali giet vestita primarjament fil-Prim'Awla tal-Qorti Civili, pero fl-Artikolu 32(3), il-legislatur ghamilha cara li l-Prim'Awla ma tistax – hlief bl-eccezzjoni ta' kawzi fejn ikun involut il-Gvern – tiehu konjizzjoni ta' kawzi – anke jekk ta' natura kummercjali - li jkunu ta' kompetenza tal-qrati inferjuri. Konsegwentement, il-kompetenza tal-qrati inferjuri li jiehdu konjizzjoni ta' certi kawzi ta' natura kummercjali li kienu jiehdu konjizzjoni taghhom qabel l-emendi tal-1995, baqghet bla mittiefsa, bl-emendi li saru fl-1995.

16. Dan l-Artikolu 32 rega' gie sostitwit bl-Att XXXI tal-2002 u dak li hu llum l-Artikolu 32(2) jaqra hekk: *"Il-Qorti Civili taqta' l-kawzi kollha ta' natura civili jew kummercjali, u dawk il-kawzi l-ohra kollha li l-ligi tghid espressament li ghandha tiehu konjizzjoni taghhom."* Dak li kien qabel l-Artikolu 32(3) - u li kien jeskludi l-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili milli tisma' inter alia kawzi ta' natura kummercjali li jaqghu fil-kompetenza tal-qrati inferjuri gie abrogat.

17. L-Artikolu 547 tal-Kodici tal-Kummerc rega' gie emendat bl-Att XXIII tal-2022 u illum jaqra hekk: *"Il-ġurisdizzjoni kummerċjali, salv għad-dispożizzjonijiet tat-Tielet Taqsima, hija eżerċitata mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, skont id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili."* It-Tielet Taqsiema tal-Kodici tal-Kummerc hija intitolata *"Fuq il-Falliment"*.

18. Ir-Regolament 6 tal-Avviz Legali 396/2003 (Legislazzjoni Sussidjarja 12.19), Ordni ta' Twaqqif ta' Sezzjonijiet tal-Qrati Civili, jippreskrivi illi *"Lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għandhom jiġu assenjati l-kawżi kollha li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti*

*Ċivili u li ma jiġux assenjati lis-Sezzjoni tal-Familja jew lis-Sezzjoni ta' Ġurisdizzjoni Volontarja jew lis-Sezzjoni tal-Kummerċ"*

19. Ir-Regolament 5A tal-Avviz Legali 396/2003 jippreskrivi illi *"Għandhom jiġu assenjati lill-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Kummerċ) rikorsi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Qorti Ċivili u li huma relatati ma' materji regolati mit-Tielet Taqsima tal-Kodiċi tal-Kummerċ u kull regolament magħmul taħtu, mill-Att dwar il-Kumpaniji, mill-Att ta' Qabel l-Insolvenza, l-Att dwar il-Kompetizzjoni u kull regolament magħmul taħtu, l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur u kull regolament magħmul taħtu, l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta għall-Kompetizzjoni u għall-Affarijiet tal-Konsumatur, u l-Att dwar Azzjonijiet Rappreżentattivi tal-Konsumaturi."* Il-kambjali huma regolati fl-Ewwel Taqsima tal-Kodici tal-Kummerc, u konsegwentement kawzi dwar kambjali ma jaqghux fil-kompetenza tal-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc).

20. Ladarba dan l-Avviz Legali lanqas ma jassenja il-kawzi dwar kambjali lis-Sezzjoni tal-Familja jew lis-Sezzjoni ta' Gurisdizzjoni Volontarja, dawn il-kawzi huma assenjati lill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

21. Konsegwentement, minkejja l-emendi tal-2002 u tal-2022, l-Artikolu 547 tal-Kodici tal-Kummerc baqa' jghid espressament li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ghandha tisma' kawzi ta' natura kummercjali, hlief dawk li jaqghu fit-Tielet Taqsima tal-Kodici ta' Kummerc, u dan skont id-disposizzjonijiet tal-Kodici tal-Procedura Civili, il-posizzjoni legali ghal dak li jirrigwarda l-kawzi dwar kambjali, baqghet l-istess kif kienet wara li gew in vigore l-emendi tal-1995.

22. Huwa vera li bejn meta gew in vigore l-emendi tal-1995 sa meta gew in vigore l-emendi tal-2002, il-Prim'Awla tal-Qorti Civili kienet prekluza milli tisma' kwistjonijiet ta' natura kummercjali li kienu jaqghu fil-kompetenza tal-qrati inferjuri, in vista tad-divjet espress preskritt bl-Artikolu 32(3) tal-Kodici tal-Procedura Civili. Pero, fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti, il-fatt li dak id-divjet gie abrogat bl-emendi li saru fl-2002, ma jfissirx li kwistjonijiet ta' natura kummercjali issa saru jaqghu esklussivament fil-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili.

23. Dan ghaliex jekk wiehed jargumenta li ladarba gie abrogat l-Artikolu 32(3) tal-Kodici tal-Procedura Civili, il-kawzi ta' natura kummercjali jaqghu esklussivament fil-kompetenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, bl-istess logika mela, anke l-kawzi ta' natura civili jaqghu fil-kompetenza esklussiva tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, ghaliex l-Artikolu 32 m'ghadux jippreskrivi li l-Prim'Awla tal-Qorti Civili ma tiehux konjizzjoni ta' kawzi civili li jaqghu fil-kompetenza tal-qrati inferjuri.

24. Fil-prattika dan ikun ifisser, li l-qrati inferjuri la ghandhom kompetenza jisimghu kwistjonijiet ta' natura kummercjali u lanqas dawk ta' natura civili. Fl-opinjoni konsiderata ta' din il-Qorti meta bl-emendi tal-2002, gie abrogat l-Artikolu 32(3), il-legislatur qatt ma seta kellu din l-intenzjoni. Dan iktar u iktar meta wiehed iqis li l-qrati inferjuri diga' kellhom kompetenza jisimghu kawzi ta' natura kummercjali u civili taht valur determinat mil-ligi.

25. L-Artikolu 47(1) tal-Kodici ta' Proceduri Civili jippreskrivi li din il-Qorti ghandha kompetenza *"tisma' u tiddeċidi l-pretensjonijiet kollha sa l-ammont ta' ħmistax-il elf euro (€15,000) … …"* (sottolinear ta' din il-Qorti). Il-legislatur jeskludi biss minn din il-kompetenza ta' din il-Qorti, dawk il-kazijiet li jissemmew fl-Artikolu 47(3). Il-frazi *"l-pretensjonijiet kollha"* hija wiesgha bizzejjed sabiex tinkludi kemm kwistjonijiet ta' natura civili kif ukoll dawk ta' natura kummercjali, kif dejjem giet interpretata. Konsegwentement, fl-opinjoni ta' din il-Qorti id-deroga li kien hemm fl-Artikolu 32(3) tal-Kodici tal-Procedura Civili kienet superfluwa, u kien ghalhekk li din giet abrogata bl-emendi tal-2002.

26. B'zieda ma' dawn il-konsiderazzjonijiet, il-Qorti taghmel riferenza ghas-sentenza **GasanMamo Insurance Limited vs Sullivan Maritime Limited nomine** deciza mill-Qorti tal-Appell (sede Inferjuri)[1] fl-14 ta' Mejju 2018, li kienet tittratta wkoll dwar l-kwistjoni dwar liema kienet il-qorti kompetenti sabiex tisma' kawzi ta' natura kummercjali. Wara li l-Qorti tal-Appell ikkonsiderat id-diversi disposizzjonijiet tal-ligi fuq citati, hija irriteniet hekk:

*"14. Meta tqies dawn id-disposizzjonijiet il-qorti hi tal-fehma li:*

[1] *Per* Imhallef Anthony Ellul.

i. *Hi l-Qorti Civili li ghandha l-gurisdizzjoni li tiddeciedi l-kawzi kollha ta' natura civili jew kummercjali, kif konfermat mill-artikoli 32(2) tal-Kap.12. Ghalkemm l-Artikolu 547 tal-Kodici tal-Kummerc jipprovdi li l-gurisdizzjoni kummercjali hi tal-Prim'Awla tal-Qorti Civili, il-Prim'Awla hi biss sezzjoni tal-Qorti Civili (ara regolament 3 tal Legislazzjoni Sussidjarja 12.19). Sezzjoni li skont l-istess regolament hi ta' gurisdizzjoni generali. Ghalhekk l-artikolu 547 tal-Kodici tal-Kummerc qieghed illum semplicement jipprovdi liema hi s-sezzjoni tal-Qrati Civili li tisma' u taqta' kawzi ta' natura kummercjali. Ghaldaqstant, ir-regola generali hi li l-kawzi kummercjali jinstemghu u jigu decizi mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili.*

ii. *Pero' mbaghad l-artikolu 47 tal-Kap. 12 jipprovdi li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) tiddeciedi "l-pretensjonijiet kollha" sal-ammont ta' €15,000. Il-ligi ma taghmilx distinzjoni bejn jekk il-pretensjoni tkunx ta' natura civili jew kummercjali. Huma biss il-pretensjonijiet li jissemmew fis-subinciz (3) li l-Qorti tal-Magistrati (Malta) m'ghandhiex il-kompetenza li tiddeciedi. F'dak is-subiciz m'hemmx inkluz kwistjonijiet ta' natura kummercjali. Ghalhekk il-qorti taqbel mal-interpretazzjoni li tat il-Qorti tal-Magistrati (Malta) fis-sentenza* ***Atlas Insurance PCC Limited vs GMC Transport Company Limited et*** *tas-27 ta' Ottubru, 2014 li kkonkludiet li ghandha l-kompetenza biex tiddeciedi kawzi ta' natura kummercjali sal-ammont ta' €15,000."*

27. Ghalkemm din is-sentenza tal-Qorti tal-Appell giet moghtija qabel l-emendi li saru bl-Att XXIII tal-2022, fl-opinjoni taghha l-insenjament taghha ghandu applikabbli sal-lum, ghaliex fl-ewwel lok kif sewwa qalet dik il-Qorti l-artikolu 547 tal-Kodici tal-Kummerc qieghed illum semplicement jipprovdi liema hi s-sezzjoni tal-Qrati Civili li tisma' u taqta' kawzi ta' natura kummercjali. Fit-tieni lok, huma biss kwistjonijiet li jaqghu taht it-Tielet Taqsima tal-Kodici tal-Kummerc – li kif inghad jikkoncerna biss kwistjonijiet ta' falliment – li huma assenjati lill-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Kummerc).

28. L-ittra ufficjali *de quo* tikkoncerna kambjala mahruga b'valur ta' disat elef Euro (€9,000). In vista tal-konsiderazzjonijiet suesposti, din il-Qorti tikkonkludi li l-ittra ufficjali in kwistjoni giet intavolata korrettament fir-registru ta' din il-Qorti, stante li din hija l-unika Qorti kompetenti li tisma u tiddeciedi l-kwistjoni odjerna, billi l-ammont tal-kambjala

jaqa' fil-kompetenza taghha. Ghaldaqstant, it-talba tar-rikorrent in kwantu hi bazata fuq il-premessa li l-ittra ufficjali ma gietx intavolata quddiem il-Qorti kompetenti ser tigi michuda.

**Konkluzjoni**

29. Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi:

1. Tichad it-talba tar-rikorrent in kwantu hi ibbazata fuq il-premessa li l-ittra ufficjali numru 2300/2022 fl-ismijiet premessi ma gietx intavolata quddiem il-Qorti kompetenti.

2. Tordna l-prosegwiment tal-kawza skond il-ligi.

30. Tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz, l-ispejjez ta' din is-sentenza parzjali ghandhom jigu subiti mir-rikorrent.

**Magistrat**

**Doreen Pickard**
**Deputat Registratur**